MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1656/2002

**Carmel sive Charles jew Charlie**
**Bianco f'ismu u ghad-ditta**
**C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Louis Mallia**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,129.82c (elf, mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rappresentanti kambjalijiet mahruga minn Louis Mallia favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' Lm66.46c (sitta u sittin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas sbatax il-kambjala li mmaturaw fil-30 ta' kull xahar bejn Marzu 1999 u Dicembru 2001.

Bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------